MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2011

Numru 1042/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chris Pullicino)**
**(Spettur Alexander Grech)**

**vs**

**ADAN MOHAMMED ABDULHAKIM**
**ESSA MAHMUD ISMAIL**
**JAMA HASSAN ABDULKANI**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Adan Mohammed Abdulhakim, 22 sena, bin Adan u Basra nee Ibrahim Jama, imwieled Somalja fl-1 ta’ Jannar 1987, residenti Tent Centre, Hal Far l/o Zurrieq u detentur ta’ karta ta’ identita’ bin-numru 43924A

Essa Mahmud Ismail, 24 sena, bin Essa u Ardo nee Sugule Ali, imwieled Somalja fl-1 ta’ Jannar 1985 u residenti Tent Centre, Hal Far, l/o Zurrieq u detentur ta’ karta ta’ identita’ bin-numru 41950A

Jama Hassan Abdulkani, 24 sena, bin Jama Hassan u Fatima nee Abdi, imwieled Somalja fl-1 ta’ Jannar 1985 residenti Tent Centre, Hal Far l/o Zurrieq detentur ta’ karta ta’ identita’ bin-numru 43304A

Gew akkuzati talli fit-3 t’Ottubru 2009 ghall-habta ta’ xi t-tmienja ta’ filghaxija fil-Marsa Open Centre, Marsa:

a. Dolozament bil-hsieb li joqtlu jew li jpoggu l-hajja ta’ Jamal Hassan Abdullahi f’perikolu car, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt billi tawh diversi daqqiet ta’ strument li jaqta’ u bil-ponta, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta taghhom;
b. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, permezz ta’ strument li jaqta u bil-ponta, ikkagunaw feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ l-istess Jamal Hassan Abdullahi, hekk kif gie ccertifikat mit-tabib Dr Armatis MD ref 2788 tal-isptar Mater Dei;

c. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi fil-hin li kienu qed jaghmlu delitt kontra il-persuna jew id-delitt ta’ serq, kellhom fuq il-persuna taghhom xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari (strument li jaqta u bil-ponta);

d. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellhom fil-pussess taghhom, jew taht il-kontroll taghhom, u kif ukoll zammew strument li jaqta u bil-ponta, minghajr licenzja mahruga lilhom mill-Kummissarju tal-Pulizija;

Il-Qorti giet mitluba illi f’kaz ta’ htija, tordna lill-akkuzati ihallsu ghall-ispejjes li jkollhom x’jaqsmu ma l-hatra ta’ l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 ta’ l-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll illi f’kaz ta’ kundanna, tapplika il-provedimenti tal-artiklu 383 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota ta' rinviju tieghu datata hmistax ta' Dicembru, 2010 (ara fol. 219 tal-Process) u nnutat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputati, tramite l-interpreti mahtura mill-Qorti, iddikjaraw li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 15 ta' Dicembru, 2010.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati, tramite l-interpreti mahtura mill-Qorti, wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 15 ta' Dicembru, 2010.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputati kollha l-artikoli 41(1)(a), 214, 215, 217 u 218(1)(a) tal-Kap. 9 u l-artikoli 6, 51(6) u 55 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputati Adan Mohammed Abdulhakim, Essa Mahmud Ismail u Jama Hassan Abdulkani, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 15 ta' Dicembru, 2010 u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-imputati Adan Mohammed Abdulhakim, Essa Mahmud Ismail u Jama Hassan Abdulkani ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2)

prigunerija u mija u sbatax Euro (Euro 117) multa kull wiehed.

Inoltre il-Qorti, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lill-imputati Adan Mohammed Abdulhakim, Essa Mahmud Ismail u Jama Hassan Abdulkani sabiex fi zmien xahar millum ihallsu lir-Registratur tal-Qrati f’ammont indaqs bejniethom is-somma ta’ elfejn, hames mija u tmienja u ghoxrin Euro u sitta u erbghin centezmi ta’ Euro (Euro 2528.46) li jirrigwardaw spejjes inkorsi bin-nomina ta’ esperti u tat-traduttrici Dr. Daniela Mangion.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------